MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 1175/2011

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

Vs

**SIMTON TRADING CO. LIMITED** ( C-17754), Anthony u Mary Rose miżżewġin Schembri u Jesmond u Simone miżżewġin Borġ

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil- 25 ta' Novembru, 2011 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiv l-kuntratt pubbliku tal-14 ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000) fl-atti tan-Nutar Anthony

Abela u dan billi għaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-imsemmi kuntratt sar ezekuttiv;

Rat in-nota mressqa mill-intimati fit-30 ta’ Jannar, 2012, li permezz tagħha ddikjaraw li joqogħdu għal dak li tgħid il-Qorti fuq it-talba tal-Bank rikorrenti;
Rat ukoll in-nota imressqa mill-intimati waqt is-smiegħ tal-lum li biha huma ammettew it-talba tal-Bank rikorrent;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk billi fuq ammissjoni it-talba tal-Bank rikorrenti tirriżulta ġustifikata u tilqagħha’ billi tirrendi eżegwibbli mill-ġdid l-att nutarili imsemmi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------